EUROPEAN PARLIAMENT

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-POLITIKI INTERNI

DIPARTIMENT GĦALL-POLITIKI B: POLITIKI STRUTTURALI U TA' KOEŻJONI

KULTURA U EDUKAZZJONI

# MUDELLI PUBBLIĊI U KUMMERĊJALI TA' AĊĊESS FL-ERA DIĠITALI

## SOMMARJU EŻEKUTTIV


**Astratt:**

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istatus u l-evoluzzjoni potenzjali ta' kif il-kontenut jiġi mwassal lill-pubbliku ġenerali fl-Ewropa, inkluża l-esperjenza tas-settur pubbliku u tal-fornituri kummerċjali. Fuq il-bażi tal-problemi u l-kawżi identifikati, qed jiġu magħmula sensiela ta' rakkomandazzjonijiet biex jirrispondu għall-isfidi tal-era diġitali rigward l-aċċess għall-kontenut fl-Ewropa.



IP/B/CULT/IC/2012_18 April

PE 495.858 MT

Dan id-dokument ġie mitlub mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament Ewropew.

## AWTURI

Claudio Feijoo, Sven Lindmark, Juan Pablo Villar, Carlota Tarín, Javier Gelabert, Beatriz Matía

## AMMINISTRATUR RESPONSABBLI

Markus J. Prutsch
Dipartiment Tematiku B: Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni
Parlament Ewropew
B-1047 Brussell
E-mail: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

## ASSISTENZA EDITORJALI

Lyna Pärt

## VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI

Oriġinal: EN
Traduzzjoni: DE, FR

## DWAR IL-PUBBLIKATUR

Biex tikkuntattja d-Dipartiment tal-Politiki jew biex tabbona fl-ittra ta' informazzjoni li toħroġ ta' kull xahar jekk jogħġbok ikteb lil: poldep-cohesion@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta f'April 2013.
© Unjoni Ewropea, 2013.

Dan id-dokument huwa disponibbli fl-internet fl-indirizz:
http://www.europarl.europa.eu/studies

## KLAWŻOLA TA' ESKLUŻJONI MIR-RESPONSABILITÀ

L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument huma r-responsabilità biss tal-awtur u mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal raġunijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, dment li s-sors jiġi rikonoxxut u l-pubblikatur ikun mgħarraf minn qabel u mibgħut kopja.

# LISTA TA’ TAQSIRIET

| | |
|---|---|
| **Apps** | Softwer tal-applikazzjoni |
| **UE** | Unjoni Ewropea |
| **ICT** | Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni |
| **PC** | Kompjuter Personali |
| **TV** | Televiżjoni |

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

## Ambitu u Metodoloġija

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-istatus u l-evoluzzjoni tal-mod li bih il-kontenut kulturali u kreattiv, kemm kummerċjali kif ukoll pubbliku, jiġi mwassal u aċċessat mill-pubbliku ġenerali fl-Ewropa. It-tendenzi, l-ostakli u l-motivaturi fit-tranżizzjoni lejn era diġitali huma identifikati u jipprovdu bażi għal sett ta’ rakkomandazzjonijiet.

Is-settur tal-midja u l-kontenut jinkludi sett ta’ industriji inklużi dawk tal-mużika, tal-film u tal-vidjow, tal-pubblikazzjoni (kotba, gazzetti u rivisti) u tax-xandir (radju u TV) u xi kultant ukoll tal-logħob elettroniku u servizzi oħrajn ta’ informazzjoni (aġenziji għall-aħbarijiet, portali, direttorji, eċċ.). Dawn l-industriji jinkludu numru ta’ attivitajiet distinti (eż. reġistrazzjoni, pubblikazzjoni, prestazzjoni, distribuzzjoni, xandir u bejgħ bl-imnut) irranġati fi ktajjen tal-valur bi tliet stadji ewlenin: produzzjoni, distribuzzjoni u konsum.

Ir-rapport janalizza l-kontenut kummerċjali u l-kontenut pubbliku separatament. L-ewwel nett, jipprovdi analiżi ta’ erbgħa mill-industriji (kummerċjali) ewlenin fis-settur tal-midja u tal-kontenut  tal-films, tal-logħob elettroniku, tal-kotba u tal-gazzetti  li għandha l-għan li tenfasizza l-interruzzjoni miġjuba mid-diġitalizzazzjoni, l-attributi komuni tagħhom kif ukoll id-differenzi tagħhom fl-industriji u l-implikazzjonijiet possibbli għall-iżviluppi futuri tagħhom. Dawn l-industriji ġew magħżula skont similaritajiet b’kontenut pubbliku (għal films, kotba u aħbarijiet) u n-natura innovattiva tagħhom (logħob elettroniku), sabiex jiġu mmassimizzati l-lezzjonijiet li wieħed għandu jitgħallem għas-settur tal-kontenut pubbliku.

Minħabba l-karatteristiċi distintivi tiegħu (eż. implikazzjonijiet regolatorji u pubbliċi tajbin) meta mqabbel mal-kontenut kummerċjali, il-kontenut pubbliku ġie eżaminat separatament. Barra minn hekk, peress li l-proċess ta’ diġitalizzazzjoni għadu fil-bidu fl-isfera pubblika, din l-istruttura ta’ analiżi tgħin biex jiġu identifikati l-lezzjonijiet li jistgħu jiġu estratti minn provvista kummerċjali u applikati għall-kontenut pubbliku.

L-analiżi tkopri l-UE kollha, appoġġjata minn analiżijiet aktar fil-fond ta’ seba’ Stati Membri: l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit (inklużi skedi informattivi fl-Anness). Id-data miġbura tgħaqqad ir-riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni ma’ 10 intervisti fil-fond u stħarriġ online (inġabru 75 stħarriġ validi, 41 minn partijiet interessati pubbliċi, u 34 minn partijiet interessati privati). Barra minn hekk, ġew identifikati numru ta’ każijiet. Deskrizzjonijiet fil-qosor ta’ dawn il-każijiet huma inklużi fir-rapport f’kaxxi li juru s-sejbiet u l-aspetti ewlenin, pereżempju, tal-mudelli kummerċjali jew mudelli ta’ finanzjament deskritti.

Ir-rapport huwa strutturat kif ġej. Il-Kapitolu 1 jintroduċi l-għan, l-ambitu, il-metodu u l-istruttura tar-rapport. Il-Kapitolu 2 jagħti ħarsa ġenerali lejn l-erba’ industriji tal-kontenut kummerċjali: Films, logħob elettroniku, kotba u gazzetti, u jipprovdi għal kull waħda minnhom: (1) deskrizzjoni ġenerali li tinkludi indikaturi tal-prestazzjoni globali dwar l-istatus tas-suq kurrenti u t-tranżizzjoni għad-diġitalizzazzjoni; (2) analiżi tal-katina tal-valur; (3) mudelli kummerċjali ġodda; (4) analiżi tas-sostenibbiltà finanzjarja u tal-finanzjament; (5) studji tal-każijiet illustrattivi; u (6) konklużjonijiet.

Il-Kapitolu 3 huwa ddedikat għall-kontenut pubbliku, inklużi (1) definizzjonijiet introduttorji; (2) ħarsa ġenerali lejn l-istatus tad-diġitalizzazzjoni; (3) disponibbiltà tal-kontenut diġitali u l-mudelli ta’ negozju korrispondenti; (4) kwistjonijiet ta’ finanzjament; (5) ir-rwol tal-pjattaformi tal-kontenut u l-impatt tagħhom fuq il-konsenja tal-kontenut pubbliku b’eżami fil-qosor tal-Europeana; u (6) identifikazzjoni tal-ostakli ewlenin li qed jiffaċċja s-settur pubbliku fit-tranżizzjoni tiegħu għall-era diġitali. Il-Kapitolu 4 jagħti sommarju tal-konklużjonijiet ġenerali tal-istudju u sensiela ta’ rakkomandazzjonijiet dwar kif jistgħu jiġu stimulati l-aċċessibbiltà u l-użu mill-ġdid tal-kontenut diġitali fl-Ewropa.

L-Annessi jinkludu skedi informattivi għal kull wieħed mill-pajjiżi magħżula għal analiżi ulterjuri (l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit) kif ukoll sommarju tal-istħarriġ online u r-referenzi.
Dan is-sommarju huwa konformi mal-istruttura tar-rapport flimkien ma' introduzzjoni ġenerali għas-swieq tal-kontenut (kummerċjali u pubbliku), li jissintetizza s-sejbiet tar-rapport.

## Is-Swieq tal-Kontenut  Karatteristiċi u Żviluppi Ġenerali

Madwar għoxrin sena ilu, l-industriji tal-midja u tal-kontenut kienu relattivament maturi, ikkaratterizzati minn ritorn għoli għall-iskala u l-ambitu, b'ostakli għad-dħul immarkati (minħabba l-ispejjeż għoljin tal-produzzjoni) u, għalhekk, suxxettibbli għall-konċentrazzjoni. Is-swieq kienu maqsuma f'segmenti kulturalment u d-distribuzzjoni kienet maqsuma territorjalment. Mill-perspettiva pubblika, l-esternalitajiet pożittivi fil-midja u l-kontenut kienu l-argument prinċipali għat-tipi differenti ta' politiki pubbliċi u regolamenti, inkluż f'xi każijiet il-forniment dirett ta' kontenut u informazzjoni permezz ta' varjazzjonijiet tas-servizz pubbliku.

Id-diġitalizzazzjoni ġabet trasformazzjoni radikali fis-settur, fejn naqqset l-ispejjeż tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni, kif ukoll bidliet fil-konsum u l-perċezzjoni mill-utenti tal-midja u l-kontenut. Dawn il-bidliet fixklu l-istruttura tal-industriji tal-kontenut u joħolqu sfidi kompletament ġodda. Barra minn hekk, fil-każ ta' informazzjoni pubblika u kontenut, issa hemm konsiderevolment inqas differenza minn prodotti/offerti kummerċjali, tal-inqas mill-perspettiva tal-konsumaturi.

Rigward l-istruttura tal-industrija, tfaċċaw parteċipanti ġodda u midja ġdida, u għalkemm xi karatteristiċi tal-industrija preċedenti jippersistu, b'mod partikolari ir-ritorn għall-iskala għoli u l-ambitu għall-kontenut professjonali, l-eżistenza ta' esternalitajiet konsiderevoli u distinzjonijiet kulturali, il-partijiet interessati diġitali ġodda bħalissa qiegħdin imexxu l-proċess ta' intermedjazzjoni mill-ġdid. L-informazzjoni u l-kontenut pubbliku għadhom qed jibdew jużaw il-potenzjal ta' dawn il-parteċipanti ġodda u l-midja ġdida, u għad irid jiġi mfassal mudell li jirrikonċilja l-għanijiet pubbliċi u l-interessi kummerċjali fl-ambjent diġitali.

Flimkien mat-teknoloġija u l-bidliet soċjoekonomiċi, żewġ fenomeni oħrajn kellhom impatt negattiv fuq l-industriji tal-midja u tal-kontenut: il-ksur tad-drittijiet tal-awtur online (ħafna drabi ttikkettat bħala "piraterija") u n-nuqqas tal-industrija li tisfrutta d-diġitalizzazzjoni biex toħloq soluzzjonijiet innovattivi biex tikkumpensa għall-effetti tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur. Parti sostanzjali tas-settur pubbliku għandha wkoll din l-attitudni mijopika li ma tipprovdix kontenut diġitali attraenti lill-utenti.

Il-midja diġitali ġdida għandha ċerti karatteristiċi speċifiċi li huma differenti minn midja tradizzjonali. Minbarra t-tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni u l-possibiltajiet għall-interazzjoni u l-personalizzazzjoni tal-esperjenza tal-midja, il-midja ġdida tgawdi spejjeż imnaqqsa għal servizz mill-bogħod, u b'hekk toħloq inċentivi għal de-territorjalizzazzjoni u tagħmel ir-regolamentazzjoni tradizzjonali aktar diffiċli. Il-kapaċità għall-personalizzazzjoni tal-midja diġitali tippermetti wkoll  tal-anqas teoretikament implimentazzjoni aħjar tal-preferenzi tal-konsumaturi għall-preferenzi "long tail" tal-konsumaturi u l-katalgu tal-fornituri. It-tnaqqis ta' ostakli għad-dħul għal kontenut u informazzjoni mhux professjonali ħoloq forom ġodda ta' innovazzjoni motivata mill-utenti fejn il-konsumaturi jistgħu jesprimu lilhom infushom b'mod aktar faċli minn qatt qabel, li jisfida kemm l-industriji preċedenti kif ukoll ir-regolamentazzjoni eżistenti. Innovazzjonijiet fin-netwerk soċjali ġew użati wkoll minn parteċipanti ġodda biex jidħlu fis-settur tad-distribuzzjoni ta' dan id-dominju. Dan l-istess nuqqas ta' ostakli naqqas l-abbuż tal-kontenut professjonali, u r-regolamentazzjoni u t-tfassil tal-politiki s'issa ma rnexxielhomx isibu soluzzjonijiet effiċjenti għall-problema, li juri nuqqas ta' fehim tal-perspettiva tal-konsumatur.

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-futur qrib jew fi żmien medju, jistgħu jiġu identifikati xi tendenzi ġenerali fl-evoluzzjoni tal-industriji tal-midja u tal-kontenut: Dawn jistgħu jiġu raggruppati skont it-temi: l-istruttura tal-industrija, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-konsum, il-mudelli kummerċjali u l-imġiba tal-konsumatur.

Rigward **l-istruttura tal-industrija**, il-midja u l-kontenut preċedenti x'aktarx jibqgħu fis-seħħ fil-maġġorparti tagħhom iżda jkunu iżgħar minn qabel id-diġitalizzazzjoni l-industrija tal-mużika hija eżempju ċar u parteċipanti ġodda se jkunu l-forza motivanti fl-evoluzzjoni tagħha. Parteċipanti ġodda (eż. intermedjarji ġodda mis-settur tal-ICT) li bħalissa jimmiraw li jikkommoditizzaw il-kontenut peress li l-mudelli kummerċjali ewlenin tagħhom huma biss indirettament konnessi mal-produzzjoni tal-midja u tal-kontenut, u għalhekk mhux neċessarjament jaqsmu l-valuri "kulturali" assoċjati tradizzjonalment ma' partijiet minn din l-industrija. Barra minn hekk, l-istruttura attwali tal-industrija tippreżenta forom ġodda ta' dominanza potenzjali tas-suq, bħal pjattaformi u l-ekosistemi ta' madwarhom il-midja mobbli u soċjali bħala eżempji ewlenin (eż. Android, Apple, Facebook). Il-pjattaformi jaġixxu bħala swieq b'diversi aspetti, li jiġbru żviluppaturi, produtturi, persuni li jirriklamaw u konsumaturi biex joħolqu ekosistema sħiħa, fejn il-proprjetarju tal-pjattaforma jżomm kontroll fuq il-karatteristiċi ewlenin u l-evoluzzjoni tagħha.

**Il-produzzjoni** professjonali tal-midja u l-kontenut għandha dejjem aktar tikkunsidra diversi midja kkunsidrati simultanjament għar-rilaxx tal-kontenut l-esperjenza 'cross-media' jew 'trans-media'. Il-konglomerati tal-midja qiegħdin jadattaw l-istrutturi tal-produzzjoni tagħhom skont din il-paradigma l-ġdida. Madankollu, il-kontenut pubbliku kien ikun immirat prinċipalment lejn midja waħda partikolari (jiġifieri t-televiżjoni) u nuqqas ta' riżorsi jagħmel l-estensjoni tiegħu għal midja oħra diffiċli, sakemm ma jkunx jista' jinstab mudell kummerċjali kumplimentari.

**Id-distribuzzjoni** tal-kontenut huwa fejn isir prinċipalment il-proċess ta' intermedjazzjoni mill-ġdid u fejn daħlu aġenti ġodda fid-dominju tal-midja u tal-kontenut (eż. Apple, Netflix). L-approċċi tagħhom lejn is-swieq huma differenti b'mod radikali mill-midja preċedenti u qegħdin ibiddlu l-esperjenza tal-konsumatur b'mod profond ċaqliq fil-ħin tat-TV, servizzi 'over-the-top', midja soċjali, jew apps tal-mowbajl bħala eżempji ewlenin. Il-kontenut pubbliku qed isib diffikultà biex jifforma parti mill-ekosistema ġdida mingħajr ma jiġi kannibalizzat.

**Il-konsum** tal-midja u l-kontenut diġitali minn individwi qed iseħħ f'ambjent dejjem aktar konness, aktar interattiv, aktar mobbli, aktar soċjali, u fejn diversi jiġu użati diversi midja b'mod kumplimentari jekk mhux fl-istess ħin. Il-konsumaturi jistgħu jsiru wkoll produtturi tal-kontenut tagħhom stess. Iżda dan kollu jeħtieġ litteriżmu diġitali, tagħmir adegwat għall-utent u ħiliet ġodda. Għalhekk, jista' joħloq distakk diġitali ieħor.

**Il-mudelli kummerċjali** fil-midja u l-kontenut qed jinbidlu wkoll. Tradizzjonalment, il-flussi ta' dħul tal-industriji tal-midja u tal-kontenut kienu jiġu minn abbonamenti, bejgħ lill-konsumaturi u l-bejgħ tal-attenzjoni tal-udjenza lil persuni li jirreklamaw. Madankollu, dawn iż-żewġ mudelli ta' dħul jikkonfrontaw diffikultajiet speċifiċi fit-traduzzjoni tagħhom għal ambjent diġitali. Fil-każ ta' reklamar, parti rilevanti qed tiċċaqlaq minn midja tradizzjonali għal midja soċjali (u magni tat-tiftix) fejn huwa aktar effettiv li tintlaħaq udjenza aktar wiesgħa ta' konsumaturi interessati u fejn il-mudelli kummerċjali li jinvolvu informazzjoni personali tal-udjenza qed isiru iktar prominenti. Is-soluzzjonijiet diġitali mħallsa għadhom fil-bidu tagħhom, b'servizzi ta' abbonament diġitali fejn il-cloud qed ikollha rwol dejjem aktar importanti u ċċajpar d-distinzjoni bejn il-prodotti u s-servizzi li jissostitwixxu xiri ta' prodotti tradizzjonali. Barra minn hekk, tfaċċaw xi mudelli kummerċjali ġodda, bħal oġġetti virtwali jew xiri fl-apps, tipikament fil-logħob. B'mod ġenerali, id-diġitalizzazzjoni tippermetti l-introduzzjoni ta' mudelli kummerċjali aktar flessibbli, adattati aħjar għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-konsumaturi. Madankollu, dawn ma kkumpensawx it-tnaqqis fil-flussi tad-dħul tan-negozji tradizzjonali.

## Is-Swieq tal-Kontenut Kummerċjali ilms, Logħob Elettroniku, Kotba u Aħbarijiet

Minbarra dawn it-tendenzi ġenerali, kull wieħed mis-setturi analizzati fir-rapport għandu **l-ispeċifiċitajiet** proprji tiegħu, li huma deskritti hawn taħt.

Fl-Ewropa, is-suq tal-**films** (ċinema, vidjow) huwa ddominat mill-films Amerikani (madwar 60 % tas-sehem tas-suq), bi produzzjonijiet lokali b'saħħithom tal-UE mmirati lejn swieq domestiċi. L-isfida diġitali ewlenija hija t-tfittxija għal modifika xierqa tas-sistema tal-perjodu tal-ħruġ sabiex tlaħħaq mal-midja l-ġdida, u t-theddida mill-ksur ta' drittijiet tal-awtur online biex tinkiseb offerta legali sostenibbli ta' films diġitali. Mill-perspettiva tal-konsumatur, għad m'hemmx biżżejjed provvista ta' vidjows u films diġitali fit-territorji minħabba limitazzjonijiet tal-liċenzja. Fil-fatt, il-konsum diġitali onlajn tal-vidjows u l-films għadu limitat ħafna (5 % fl-2010), meta mqabbel mal-infiq tal-konsumatur b'mod ġenerali, għalkemm il-produzzjoni tal-films diġà qed issir prinċipalment fil-format diġitali. Id-diġitalizzazzjoni tal-films tnaqqas l-ispejjeż u tissimplifika l-proċess ta' wara l-produzzjoni u tippermetti l-implimentazzjoni ta' mudelli kummerċjali innovattivi, adattati aħjar għall-ħtiġijiet tal-utenti bħax-xiri impulsiv, il-kwalità ta' riproduzzjoni, prezz jew tip ta' apparat ta' aċċess.

L-industrija tal-**logħob elettroniku** diġà hija industrija diġitali f'termini ta' produzzjoni, konsum u, parzjalment, distribuzzjoni u hija vetrina għall-innovazzjonijiet teknoekonomiċi, li kapaċi tattira demografija akbar għal-logħob. Fil-fatt, fost l-industriji investigati tal-midja u l-kontenut, l-industrija tal-logħob elettroniku għandha l-ogħla perċentwal ta' dħul derivat mid-distribuzzjoni online (42 % fl-2011). Din il-bidla kontinwa lejn distribuzzjoni online qed tibdel il-katina tal-valur tradizzjonali tas-settur, u ċċajpar dejjem aktar ir-rwol tal-aġenti tradizzjonali, bħall-pubblikaturi u d-distributuri. Il-pubblikaturi tal-UE għandhom pożizzjoni raġonevolment soda, akkumpanjati minn numru pjuttost kbir ta' innovaturi u intraprendituri fil-qasam tal-iżvilupp tal-logħob, b'mod partikolari fis-segmenti li qed jikbru tal-logħob online jew fuq il-mowbajl. Il-proċess ta' disintermedjazzjoni jiffavorixxi r-relazzjoni diretta bejn l-iżviluppaturi tal-logħob u l-bejjiegħa online, jew anke il-klijenti finali. Il-pożizzjoni ta' trikkib fuq xulxin tal-logħob elettroniku u s-settur tal-ICT iffaċilitat il-ħolqien ta' ekosistema innovattiva b'teknoloġiji ġodda u mudelli kummerċjali. Ħafna mudelli kummerċjali qed jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-utenti f'oqsma bħall-modi ta' aċċess (permezz ta' brawżer tal-web, applikazzjoni tal-klijent installata fuq il-kompjuter, applikazzjoni tal-mowbajl, eċċ), ħlas (ħlas għal kull tniżżil, ħlas għal abbonament ripetut, ħlas għal estensjonijiet tal-logħob jew għall-aċċess għal estensjonijiet tal-logħob, ħlas għal kull xiri ta' oġġetti, eċċ), jew apparat tal-logħob (konsols, kompjuters, smart phones, tablets, eċċ.). Wieħed mill-mudelli kummerċjali maħluq mill-industrija tal-logħob elettroniku, il-mudell "free to play" (jew mudell "freemium"), jista' jkun ta' interess fil-provvista ta' kontenut pubbliku, peress li jippermetti li ssir distinzjoni sempliċi bejn is-servizz pubbliku, l-għanijiet bażiċi u l-interessi kummerċjali ulterjuri.

L-industrija tal-**kotba** hija dik li waslet l-aħħar fil-proċess ta' diġitalizzazzjoni (b'xi eċċezzjonijiet notevoli għal prodotti speċjalizzati bħal enċiklopediji). Dan il-fatt ta lill-industrija l-opportunità li titgħallem mill-esperjenza ta' industriji tal-midja u tal-kontenut oħrajn. Fl-2012 is-suq tal-kotba elettroniċi rrappreżenta biss 4.5 % mill-bejgħ globali tal-kotba fil-pajjiżi żviluppati (l-Amerika ta' Fuq, UE-5 u l-Ġappun). Mill-perspettiva tal-UE, huwa l-uniku suq fl-industrija tal-midja u l-kontenut fejn il-kumpaniji Ewropej għandhom l-aktar pożizzjoni importanti. Madankollu, l-kumpaniji Amerikani qed imexxu t-tranżizzjoni għall-era diġitali. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni online hija ddominata minn kumpaniji barra l-industrija tal-pubblikazzjoni tal-kotba (eż. Amazon) u huwa biss reċentement li l-pubblikaturi bdew iniedu inizjattivi biex jiġu użati l-pjattaformi diġitali tas-suq tagħhom stess biex ibigħu l-kotba elettroniċi online. Dan is-suq tal-kotba elettroniċi llum huwa biss verżjoni diġitali tas-suq tal-karta, bl-istess mudelli kummerċjali. L-element ewlieni fl-iżvilupp tas-suq huwa dak tal-mezzi tal-qari ġodda: tagħmir għall-qari tal-kotba elettroniċi u tablets. Bħalissa, jeżistu flimkien żewġ mudelli: mudelli magħluqin, marbuta ma' apparat

speċifiku, fejn l-utent jista' jikseb kotba biss mill-ħanut tal-manifattur tal-apparat u ma jistax jaċċessahom minn apparat ieħor; u mudelli miftuħa, ibbażati fuq pjattaformi online b'kotba li jistgħu jiġu riprodotti fuq kwalunkwe apparat. Il-miġja tal-kotba elettroniċi biddlet l-istruttura tal-ispejjeż kif diġà ġara f'industriji oħrajn tal-midja u l-kontenut. Huwa stmat li l-ispejjeż totali tal-mudelli online huma 15 % sa 25 % inqas minn dawk tal-mudelli fiżiċi. Inizjattivi pubbliċi rigward il-proċessi ta' diġitalizzazzjoni tal-letteratura eżistenti qed jikkompetu ma' inizjattivi privati. Din is-sitwazzjoni qed tikkawża bidla fl-intervent ibbażata fuq regolamentazzjoni lejn mudelli ta' kuntratt jew ta' sħubija.

L-industrija tal-**gazzetti** qed tara tnaqqis fiċ-ċirkolazzjoni, u tnaqqis qawwi fid-dħul, minħabba l-impatt tad-diġitalizzazzjoni. F'ħafna modi, is-settur tradizzjonali tal-midja stampata kien l-ewwel wieħed li ġie affettwat mis-suċċess tal-Internet bħala sors ta' informazzjoni. Madankollu, id-domanda għal aħbarijiet onlajn qed tikber ukoll flimkien ma' splużjoni fit-tipi ta' formati u mudelli ta' produzzjoni, u t-tixrid ta' aħbarijiet online. Għalhekk, il-ġurnaliżmu online spiss issir referenza għalih bħala li għandu effett kompensatorju potenzjali, anke jekk l-istruttura, il-ħiliet u possibilment il-valuri tiegħu jvarjaw b'mod konsiderevoli mill-ġurnaliżmu tradizzjonali. Il-mudell kummerċjali globali tal-gazzetti huwa kkonfrontat mir-realtà li l-ħlas għall-gazzetta ta' kuljum u l-qari tagħha huwa pjuttost differenti milli taqraha online b'xejn. Bħala konsegwenza, it-tnaqqis fid-dħul mill-istampar u r-reklamar mhumiex ikkumpensati biżżejjed miż-żidiet fid-dħul tar-reklamar online. Il-gazzetti diġitali ppruvaw jirrepplikaw online il-mudelli kummerċjali tal-verżjonijiet stampati, inklużi l-mudelli ta' ħlas għal kull kopja, abbonament u dħul mir-reklamar b'riżultati mħallta. Xi gazzetti esperimentaw ukoll bil-mudell tal-'pay-wall' (aċċess għall-kontenut permezz ta' abbonament), iżda kellhom iwaqqfuh, meta sabu li d-dħul mill-bejgħ ta' aċċess għall-kontenut ma kkumpensax għat-telf mir-reklamar. Wara dan il-falliment inizjali, il-gazzetti ppruvaw jintroduċu l-mudell tal-"pay-wall" mill-ġdid għal kontenut primjum, bħal informazzjoni finanzjarja. Finalment, it-tfaċċar ta' tablet PCs u tagħmir għall-qari ta' kotba elettroniċi jidher li qed joffri xi opportunitajiet għas-settur tal-istampar diġitali. Diversi gazzetti nedew servizzi għal dan it-tagħmir, b'mudell ta' abbonament għal aċċess għall-kontenut. Madankollu dan għadu wisq fil-bidu biex isiru konklużjonijiet ġenerali validi.

## Kontenut pubbliku

Il-kontenut pubbliku analizzat f'dan l-istudju jinkludi kontenut tal-patrimonju kulturali u storiku u informazzjoni tas-settur pubbliku, b'enfasi fuq il-kontenut kulturali miżmum minn xandara tas-servizz pubbliku, stabbilimenti edukattivi, tar-riċerka u kulturali. Fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, il-kontenut pubbliku jinkludi: (1) xogħlijiet fid-dominju pubbliku; (2) xogħlijiet fejn id-drittijiet tal-awtur ikunu ta' entità pubblika; (3) xogħlijiet fejn id-drittijiet tal-awtur ikunu ta' suġġett privat iżda jkunu mgħassa jew miżmuma minn entità pubblika (inklużi xogħlijiet orfni u li mhumiex kummerċjali).

Għalkemm l-UE u l-Istati Membri tagħha għamlu sforz kbir biex jagħmlu l-kontenut diġitali aktar aċċessibbli matul l-aħħar għaxar snin, il-kontenut pubbliku għadu fl-istadji bikrija ta' diġitalizzazzjoni. B'mod ġenerali, madwar 20 % tal-kontenut kulturali ġie ddiġitalizzat, li jvarja minn 4 % għal-libreriji nazzjonali għal 42 % għall-mużewijiet tal-arti. Apparti dan, madwar terz biss ta' dak il-kontenut diġitalizzat sar disponibbli pubblikament online, għalhekk madwar 6 % biss tal-kontenut kulturali Ewropew huwa aċċessibbli online.

Id-diġitalizzazzjoni huwa proċess għali speċjalment meta wieħed iqis li l-konverżjoni teknika attwali għal forma diġitali hija biss parti waħda mill-proċess. Il-kjarifika tad-drittijiet tal-awtur u l-ilħuq ta' ftehimiet mad-detenturi kollha tad-drittijiet tal-awtur huma partikolarment għaljin. Il-proċess biex il-kontenut diġitali pubbliku jsir disponibbli fl-Ewropa s'issa ffoka fuq il-proċess ta' diġitalizzazzjoni nnifsu. Ġie pjuttost frammentat kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, u jikkonsisti prinċipalment fi proġetti għal żmien qasir b'finanzjament li ġej l-aktar minn sorsi pubbliċi, aktar milli privati. Imħeġġa mill-Kummissjoni Ewropea, ġew implimentati numru ta' mudelli ta' Sħubiji Pubbliċi-Privati (PPP).

Għalkemm xi kultant irnexxew, kien hemm ukoll problemi b'dawn il-mudelli. Fost affarijiet oħra, is-settur pubbliku jsostni li jeħtieġ li jkollu kontroll tal-proġetti sabiex jissalvagwardja l-interess pubbliku, filwaqt li s-settur privat isostni li l-istituzzjonijiet pubbliċi ħafna drabi ma jkollhomx il-ħiliet b'orjentament kummerċjali meħtieġa.

Minħabba l-baġits ristretti, l-inċertezza ekonomika u l-ispejjeż għoljin tad-diġitalizzazzjoni, ġew imfassla mudelli ġodda kummerċjali u ta' aċċess biex jippermettu aċċess aktar wiesgħa għall-kontenut kulturali filwaqt li jiggarantixxu d-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati ta' partijiet terzi, u biex joħolqu dħul li jiggarantixxi s-sostenibbiltà fit-tul tal-proġetti u s-servizzi. Dawn il-mudelli kummerċjali għall-kontenut pubbliku jistgħu jiġu kategorizzati skont min ikollu d-drittijiet tal-awtur (dominju pubbliku, drittijiet tal-awtur, kontenut orfni) u kif il-kontenut jiġi sfruttat (użu kummerċjali jew użu mhux kummerċjali). Il-forniment tal-kontenut pubbliku lil parteċipanti kummerċjali għall-isfruttament jista' jew ikun bla ħlas jew jinvolvi ħlasijiet ta' darba jew skemi ta' qsim tad-dħul (normalment bi spejjeż marġinali). Għall-użu mhux kummerċjali, il-kontenut pubbliku fl-Ewropa prinċipalment jiġi pprovdut mingħajr ħlas fuq bażi ta' aċċess miftuħ. Madankollu, mudelli kummerċjali diġà fis-seħħ għall-kontenut kummerċjali f'industriji oħrajn qegħdin jiġu applikati dejjem aktar minn istituzzjonijiet tal-patrimonju u kulturali għal raġunijiet ta' sostenibbiltà. Ħafna istituzzjonijiet kulturali għadhom ma joffrux modi (jew liċenzji) biex jagħmlu użu kummerċjali tal-kontenut tagħhom u, rigward dan, il-politiki mhumiex ċari. Biex jiffaċilitaw l-isfruttament kummerċjali tal-kontenut pubbliku, il-mudelli kummerċjali għandhom ikunu ddisinjati speċifikament għal dan l-iskop, billi jinħolqu liċenzji sempliċi li jagħtu spinta l-użu mill-ġdid.

Ix-xogħlijiet orfni jiffurmaw parti kbira mill-kontenut disponibbli. Dawn ix-xogħlijiet joħolqu problemi għad-diġitalizzazzjoni u d-distribuzzjoni online. Minkejja d-Direttiva tal-UE 2012/28/UE riċenti, għad baqa' bosta problemi: (1) inċertezzi legali; (2) inċertezzi ekonomiċi; u (3) limitazzjonijiet rigward benefiċjarji inklużi fid-direttiva.

B'mod ċar, il-kontenut pubbliku għadu fi stadju bikri ħafna ta' diġitalizzazzjoni u qiegħed jiffaċċja numru konsiderevoli ta' ostakli għall-progress. B'mod partikolari, il-fondi għad-diġitalizzazzjoni huma neqsin, minħabba: ir-riluttanza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, mudelli kummerċjali immaturi, spejjeż għoljin u redditi dubjużi. Barra min dan, hemm nuqqas ta' direzzjoni ċara fit-trasformazzjoni tagħhom għad-dominju diġitali u hemm nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-inizjattivi fil-livelli amministrattivi kollha inkluż il-livell tal-UE. Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' ġestjoni tal-kontenut adegwata, tal-inqas għal xogħlijiet orfni u nuqqas ta' għarfien tal-utent b'mod ġenerali. Hemm ukoll nuqqas ta' ħiliet xierqa fl-istituzzjonijiet pubbliċi, u n-negozjati multipli u diverġenti fuq skala żgħira ma' pjattaformi diġitali eżistenti qed jillimitaw il-poter ta' negozjar tal-korpi pubbliċi involuti.

Mil-lat pożittiv, hemm domanda potenzjalment għolja għall-kontenut pubbliku, li hija mistennija li tiġi sodisfatta b'mod xieraq bil-kombinament tajjeb ta' professjonisti bi kwalifiki għolja li jaħdmu għas-settur pubbliku u l-appoġġ tal-gvern kemm dirett kif ukoll permezz ta' regolamentazzjoni. Livell aktar għoli ta' koordinazzjoni jkun meħtieġ ukoll fil-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, u fil-provvista diġitali tal-kontenut pubbliku, inkluż qafas armonizzat aħjar għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali diġitali. Fl-aħħar nett, l-għarfien u l-involviment tal-utent (l-innovazzjoni soċjali) jidhru li huma fattur determinanti fis-suċċess tal-provvista diġitali futura tal-kontenut pubbliku.

## Opportunitajiet, Sfidi u Rakkomandazzjonijiet

Fl-aħħar nett, wara li ġew identifikati l-opportunitajiet u l-isfidi għall-kontenut Ewropew, numru ta' rakkomandazzjonijiet huma deskritti hawnhekk. **Opportunitajiet** komuni fl-industriji tal-midja u tal-kontenut li għadhom mhumiex sfruttati b'mod sħiħ fl-UE jinkludu: il-produzzjoni ta' kontenut 'cross-media', il-ħolqien ta' esperjenzi innovattivi għall-utenti mill-ġid tal-kontenut pubbliku, l-użu ta' distribuzzjoni online biex jiġi mtejjeb it-tixrid ta'

kontenut lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, u l-użu ta' inizjattivi kummerċjali u l-innovazzjoni soċjali biex jintlaħqu l-għanijiet fil-produzzjoni pubblika u d-diffużjoni tal-kontenut.

Minkejja l-ħafna vantaġġi u opportunitajiet miġjuba mid-diġitalizzazzjoni, jibqgħu fis-seħħ għadd ta' **sfidi** fl-industriji tal-midja u l-kontenut. Min-naħa tal-provvista, l-isfidi ewlenin jinsabu fil-fatt li l-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni spiss jakkumulaw għall-parteċipanti differenti fil-katina tal-valur minn dawk li jinvestu fil-kontenut diġitalizzat, li joħloq reżistenza biex dawn iħaddnuha bis-sħiħ. Barra minn hekk, l-oġġetti diġitalizzati huma mhedda minn ksur tad-drittijiet tal-awtur. Min-naħa tal-konsumaturi, għad hemm nuqqas notevoli ta' soluzzjonijiet innovattivi kapaċi li jissodisfaw id-domandi tagħhom dwar l-użabilità u l-utilità id-diffikultajiet bil-liċenzji multiterritorjali fil-vidjows u l-films huma eżempju ewlieni ta' dan. B'mod aktar preċiż, qafas ta' liċenzjar multiterritorjali sempliċi u effettiv għandu jkun l-isfida ewlenija tal-politika u regolatorja għall-midja u l-kontenut fl-UE, flimkien ma' sistema tal-proprjetà intellettwali li tista' trawwem l-innovazzjoni u l-ħolqien, u tirrikonoxxi perspettivi ġodda tas-soċjetà tal-midja u l-kontenut.

Numru ta' **rakkomandazzjonijiet** huma deskritti hawn taħt, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fit-tranżizzjoni għall-era diġitali u soċjetà bbażata fuq l-informazzjoni.

L-ewwel sett ta' rakkomandazzjonijiet tal-istudju jiffokaw fuq il-ħtieġa għal **aktar finanzjament** għad-diġitalizzazzjoni, il-preservazzjoni, u innovazzjonijiet tekniċi u kummerċjali. Dan l-investiment huwa meħtieġ minħabba l-esternalitajiet pożittivi ekonomiċi u soċjetali li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-kontenut. Madankollu, huwa meħtieġ li l-iskemi ta' finanzjament jerġgħu jiġu maħsuba mill-ġdid. Aktar finanzjament għandu:

- jinvolvi appoġġ kontinwu għat-trasformazzjoni diġitali tal-industriji tal-midja u l-kontenut;
- jirriċerka fl-iżvilupp ta' innovazzjonijiet tekniċi u kummerċjali;
- jikkunsidra l-produzzjoni 'cross-media' bħala opportunità ewlenija;
- jistabbilixxi forom ġodda ta' fondi orjentati fit-tul, b'mod partikolari għall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ;
- joħloq programmi u għodda speċifiċi għal intraprendituri u innovaturi fil-midja u l-kontenut diġitali li jkopru l-istadji bikrija sal-konsolidazzjoni;
- jimmira li joħloq pjattaformi Ewropej b'diversi aspetti u ekosistemi fil-midja u l-kontenut diġitali, b'mod partikolari bl-użu tas-setturi u l-oqsma fejn l-Ewropa hija fuq quddiem;
- jippromwovi l-produzzjoni transsettorjali u transfruntiera u d-distribuzzjoni tal-kontenut;
- jinkoraġġixxi sħubiji pubbliċi-privati fid-dominju pubbliku għall-akkwist ta' kompetenza, l-użu ta' teknoloġiji eżistenti u għall-finanzjament tal-inizjattivi; u
- jiddisinja mill-ġdid programmi eżistenti biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-inizjattivi.

Flimkien mal-finanzjament, il-politiki Ewropej għandhom ikunu orjentati wkoll lejn **iż-żieda fil-koordinazzjoni u l-ħolqien ta' ekonomiji ta' skala** fl-użu ta' infrastrutturi tekniċi:

- joħolqu ekonomiji ta' skala kemm fl-infrastrutturi tekniċi kif ukoll fl-unitajiet ta' ġestjoni għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kontenut u midja diġitali;
- jinkoraġġixxu aġenziji ta' ġestjoni tad-drittijiet ċentralizzati jew ikkoordinati;
- jinvestigaw u jnaqqsu l-ispejjeż tat-tranżazzjoni fil-provvista tal-midja u l-kontenut diġitali fl-Ewropa kollha;

- jiġġieldu kontra l-provvista insuffiċjenti ta' kontenut u midja diġitali fit-territorji tal-UE li tirriżulta minħabba ostakli tas-suq;
- jikkoordinaw azzjonijiet fil-provvista pubblika tal-kontenut diġitali, inkluż produzzjoni, distribuzzjoni, konsum u negozjati ma' pjattaformi eżistenti;
- iwasslu l-kontenut għal kull fejn jinsab l-utent: iqiegħdu l-kontenut fi pjattaformi eżistenti;
- irawmu l-koordinazzjoni fost l-inizjattivi, u fil-livelli kollha, fil-provvista diġitali tal-kontenut pubbliku, b'mod partikolari fir-relazzjoni tagħhom mal-inizjattivi kummerċjali; u
- jadottaw qafas armonizzat u pakkett ta' miżuri il-promozzjoni ta' offerti legali, sensibilizzazzjoni tal-utent, kollaborazzjoni tal-parteċipanti involuti fi tranżazzjonijiet b'kontenut u midja, miżuri legali speċifiċi għall-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet tal-awtur online biex "l-utenti onesti jinżammu onesti".

Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rigward it-titjib ta' **liċenzji multiterritorjali u r-reviżjoni tas-sistema tal-proprjetà intellettwali:**

- itejbu l-armonizzazzjoni tal-qafas għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali diġitali u jirrevedu s-sistema tal-proprjetà intellettwali li trawwem l-iżviluppi innovattivi u kreattivi, li hija meħtieġa b'mod partikolari għal xogħlijiet orfni;
- jikkunsidraw sistema mtejba ta' liċenzjar multiterritorjali, inkluża l-implimentazzjoni rapida permezz ta' koordinazzjoni ta' liċenzji eżistenti, sabiex il-midja u l-kontenut jevitaw ostakli eżistenti għad-distribuzzjoni u l-konsum fl-UE;
- jesploraw, jirriċerkaw u jippromwovu mezzi ġodda fis-sistema tal-proprjetà intellettwali (commons, liċenzji miftuħa, eċċ):
- jippromwovu aċċess miftuħ għal xogħlijiet orfni u dawk li mhumiex kummerċjali; u
- jiggarantixxu l-użu edukattiv tal-kontenut pubbliku taħt kundizzjonijiet speċjali (l-aċċess miftuħ huwa rakkomandat).

Ir-raba' sett ta' rakkomandazzjonijiet huwa orjentat lejn **it-titjib tal-aċċess għall-kontenut pubbliku u l-promozzjoni tal-innovazzjoni** madwaru:

- ifasslu mill-ġdid b'mod pożittiv il-politika pubblika dwar il-midja u l-kontenut, inkluża l-valutazzjoni tal-provvista diretta tal-kontenut u l-informazzjoni permezz ta' varjazzjonijiet differenti fuq servizz pubbliku;
- jikkunsidraw b'mod partikolari inizjattivi kummerċjali u innovazzjoni soċjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet fil-produzzjoni pubblika u d-diffużjoni tal-kontenut;
- joħolqu ekosistema madwar il-kontenut pubbliku: iniedu inizjattivi ta' pjattaformi ta' data u ta' distribuzzjoni;
- jesperimentaw u jużaw għal tipi speċifiċi ta' kontenut pubbliku mudelli kummerċjali flessibbli ġodda meħuda minn inizjattivi ta' kontenut kummerċjali, b'mod partikolari meta wieħed iqis il-mudell "freemium" peress li dan jippermetti distinzjoni ċara bejn is-servizz pubbliku, l-għanijiet bażiċi u interessi kummerċjali oħrajn;
- jinvestigaw u jippromwovu r-rwol tal-utenti bħala "prosumaturi" (produtturi-konsumaturi) ta' kontenut ta' interess pubbliku; u

- jippromwovu l-ħolqien ta' esperjenzi innovattivi għall-utent mill-ġid tal-kontenut pubbliku, bl-eliminazzjoni tal-ostakli attwali sabiex l-innovaturi u l-intraprendituri jkunu jistgħu jużawh b'mod ġust.

Is-sett finali ta' rakkomandazzjonijiet huwa orjentat lejn **is-sensibilizzazzjoni tal-utenti** u **l-edukazzjoni ta' professjonisti b'ħiliet kbar**:

- jissensibilizzaw lill-utenti rigward il-patrimonju diġitali Ewropew;
- jinvestu fit-talent: joħolqu pożizzjonijiet fis-settur pubbliku bil-kompetenza diġitali meħtieġa; u
- joħolqu forum mal-industrija biex jaħdem fuq kurrikulu Ewropew għas-setturi tal-midja u tal-kontenut.

L-arkitettura tal-**Programm Ewropa Kreattiva**, bħala l-programm qafas ġdid għas-settur kulturali u kreattiv fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, diġà twieġeb xi wħud mill-problemi identifikati hawnhekk. B'mod partikolari, dan huwa konformi ma' wħud mir-rakkomandazzjonijiet li saru f'dan ir-rapport, jiġifieri: tkompli l-appoġġ ekonomiku lis-settur kreattiv u kulturali sal-2020; tippromwovi azzjonijiet transnazzjonali u transsettorjali; tiffoka fuq il-bini tal-kapaċitajiet; timmira li ttejjeb is-sensibilizzazzjoni tal-utent billi tilħaq udjenzi ġodda; u tindirizza, sa ċertu punt, il-frammentazzjoni tal-finanzjament u l-perspettiva għal żmien qasir tal-proġetti.

Madankollu, xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn fuq għandhom jiġu indirizzati b'mod aktar speċifiku mill-Programm, bħal: produzzjoni "cross-media" tal-kontenut; distribuzzjoni transfruntiera online tal-midja u l-kontenut; tqegħid ta' kontenut pubbliku tal-UE fi pjattaformi diġitali eżistenti; ħolqien ta' Kurrikulu Ewropew; edukazzjoni u kiri ta' professjonisti b'ħiliet għolja fil-midja u l-kontenut diġitali; appoġġ għall-kontenut pubbliku miftuħ; koordinazzjoni tal-provvista diġitali tal-kontenut pubbliku u l-użu ta' infrastrutturi; promozzjoni ta' kapital ta' riskju/investiment inizjali u l-inkoraġġiment ta' pjattaformi kkoordinati ta' distribuzzjoni online (kontenut pubbliku, industrija tal-gazzetta).